MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 662/2004

**Apco Limited**

**vs**

**Alfred Tanti**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Marzu, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` erba` mija u sebgha u sebghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm477.25c), rapprezentanti valur ta` Fuel Outdoor Payment Terminal.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` diversi ittri bonarji u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-avviz kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 15 ta` Marzu, 2005 fejn gie affermat li huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici kif ghandu jirrizulta mid-dokumenti tal-konsenja maghmula lilu.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Fl-affidavit tieghu Robert Pellicano ghas-socjeta` attrici spjega illi l-konvenut kien ordna l-apparat in kwistjoni fis-sena 1997, kif jirrizulta mill-kuntratt ta` bejgh immarkat bhala Dok. RP1. Peress illi dan l-apparat ma setax jigi nstallat minhabba nuqqas ta` permessi, dan inzamm fil-garage tal-konvenut ghar-responsabbilita` ta` l-istess konvenut. Illi ghalhekk il-garanzija ta` sena kellha tiskadi fi zmien tnax il-xahar mid-data tal-konsenja. Fil-fatt dan l-apparat gie installat fis-sena 2001 cioe` madwar erba` snin wara u meta fil-fatt dan sar, l-apparat ma bediex jahdem sewwa. Irrizulta li s-C3OPT connection box kienet difettuza ghar-raguni skond Pellicano li din inzammet mahzuna ghal zmien twil bla ma ntuzat. Illi ghalhekk meta l-parti difettuza nbidlet, is-socjeta` attrici qieghdha tippretendi li tithallas il-prezz taghha kif mitlub f'dina l-kawza. Dok. RP2. Ix-xhud Mark Anthony Cachia kkonferma li l-apparat ma kienx hadem minhabba difett fil-C3OPT connection box.

Fl-affidavit tieghu Alfred Tanti jistqarr illi meta huwa kien ordna l-apparat minghand is-socjeta` konvenuta u hallas depozitu akkont fuqu, kull parti kienet konsapevoli tal-fatt li dan seta` biss jigi nstallat meta jinhargu certa permessi mill-MEPA. Tant hu hekk illi ghal bidu s-socjeta` attrici kienet uriet ruhha disposta li zzomm dan l-apparat fl-istore taghha stess. In-negozju bejn il-kontendenti jidher dokumentat fuq il-quotation u confirmation of order AT1 sa AT 3. Xi xhur wara, is-socjeta` attrici ghamlet id-delivery ghal garage tal-konvenut kif jidher minn Dok. AT4 peress illi qalet li hija ma kellhiex fejn izzommu pero` bl-intesa li kienet tigi biex tinstalla l-istess hekk kif jinhargu l-permessi – difatti il-konvenut lanqas kien inghata c-cavetta tal-magna. Din il-konsenja saret f'Novembru 1997. Jidher li l-permessi relattivi hargu xi erba` snin wara u difatti l-pompi gew installati ghal habta ta` Ottubru, 2001. Skond il-konvenut impjegati tas-socjeta` attrici damu xi tliet xhur jissettjaw dawn il-magni tant illi l-konvenut ma setax

ihallihom imqabbda b'mod awtomatiku biex jintuzaw wara l-hin. Wara dan iz-zmien li kienet qed ittihom it-trouble, impjegat tas-socjeta` attrici bidlilha xi part li skond hu kienet semplici memory battery u l-magna bdew jiffunzjonaw tajjeb. In segwitu huwa rcieva l-invoice immarkat Dok. AT5 fejn gie mnizzel li ma kienux ser izommulu flus ghal "new board" li kienet inbidlet u ghalhekk il-konvenut ighid li mar ihallas il-bilanc minnu dovut, liema hlas gie accettat mis-socjeta` konvenuta. Wara xi granet pero` huwa rcieva invoice ohra mmarkata Dok. AT6 mnejn jirrizulta li s-socjeta` attrici bdiet tippretendi minghandu l-hlas mitlub f'dina l-kawza ghal part mhux funzjonabbli li kienet inbidlet. Meta l-konvenut ikkonfronta lil Pellicano tas-socjeta` attrici dwar id-divergenza fiz-zewg invoices AT5 u AT6 u ghall-fatt li l-apparat kien ghadu kopert bil-garanzija, jidher li dan ta` l-ahhar baqa` ma tahx spjegazzjoni.

Illi mid-dokumenti ezebiti jidher li l-valur ta` l-apparat mitlub f'dina l-kawza minn dejjem kien inkluz fil-lista ta` apparat ordnat minghand is-socjeta` attrici u kwindi kien jinkwadra fl-ordni originarjament maghmula. Ghalhekk jidher evidenti li s-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta` dan l-apparat il-ghaliex kien inbidel stante li dak ikkonsenjat ma kienx qed jiffunzjona tajjeb u dana mill-bidu nett minn meta kien gie nstallat.

Pierre Tanti, iben il-konvenut jikkorobora l-verzjoni moghtija minn missieru. Jikkonferma li l-pompa nstallata mis-socjeta` attrici ma kienitx qed tahdem tajjeb mill-bidu nett u kien biss meta Mark Cachia mibghut mis-socjeta` attrici biddel xi parti elettronika li din giet tahdem tajjeb. Jikkonferma wkoll li dan Cachia kien informhom li kull ma biddel kienet haga zghira, sejhilha *"memory battery"* pero` certament ma semma` xejn dwar is- C3OPT connection box.

In kontro ezami Robert Pellicano jikkonferma li fil-mument tal-konsenja, huma hallew l-apparat ippakkjat ghand il-konvenut u nformawh li huma kienu lesti li jinstallaw l-istess hekk kif ikun lest. Ikkonferma wkoll li huma gew msejha sabiex jinstallaw l-apparat madwar erba` snin

wara l-konsenja. Ighid illi meta gew biex jinstallawha sabu problema provenjenti mill-leakage tal-memory battery bil-konsegwenza li kellha tinbidel il-bord. Ghalkemm ix-xhud stess ighid li huwa ma hux tekniku xorta wahda kkummenta li din il-hsara grat minhabba l-fatt li l-apparat dam zmien twil ma jigi nstallat. Il-bord u l-memory battery li tifforma parti minnha u li kienu jifformaw parti mill-ordni originali gew fil-fatt rimpjazzati. Din il-bord giet lura ghand is-socjeta` attrici sabiex is-supplier tieghu jaghtih wahda gdida *at a discounted price* pero` ma ftakarx kemm kien l-iskont li nghata. Dan ix-xhud jammetti li kien hu li kiteb il-frazi li tinsab a fol. 32 (it-tieni set) Dok. AT5 cioe` *“a new board was replaced at no cost”* pero` ma jiftakarx il-ghala u taht liema cirkostanza kien kitibha. Jahseb li ghamel zball. Ighid pero` li huwa baqa` jinsisti ghal hlas peress li jallega li huwa kien hallas lis-supplier biex tigi rimpjazzata din il-bord peress li skond hu l-istess supplier kien ser ighidlu li l-garanzija kienet skadiet. In segwitu huwa pprezenta Dok. RPX fejn skond hu jispjega kemm kien il-cost price li hallas ghalih biex jigu rimpjazzati dawn l-items. F’dan ir-rigward, it-Tribunal josserva li dan id-dokument ma jaghmel ebda referenza jekk dawn jirriferux ghall-items meritu ta` din il-kawza u difatti lanqas hemm descripition taghhom. Jirizulta wkoll li item minnhom ghalkemm ghandu cost price ta` Lm75.00 pero` stranament jidher li ma giex indikat ebda` sales price filwaqt li l-item l-iehor jidher li ghandu cost price ta` Lm242.15c. Ghalkemm dan l-ahhar item jidher li ghandu sales price ta` Lm460.00, is-socjeta` attrici se mai fil-kaz odjern kellha titlob ghal cost price tieghu in vista tal-fatt li l-klijent taghha cioe` l-konvenut kien gia` hallas ghal dan l-item fuq l-ordni originali. Fil-fatt huwa stess jikkonferma illi l-konvenut kien gia` hallas ghall-items rimpjazzati inizjalment.

In kontro ezami Alfred Tanti jikkonferma illi sakemm wasal il-permess tal-MEPA, l-apparat baqa` ppakkjat hekk kif konsenjat lilu mis-socjeta` attrici.

Illi mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li s-socjeta` attrici qed tipprova tigbor lura l-valur ta` zewg parts li hija tghid li halset lis-supplier meta rrimpjazzat l-istess zewg parts fuq

apparat konsenjat lill-konvenut. Illi l-ewwel nett fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta` attrici naqset li ggib provi soddisfacenti kemm fil-fatt hija halset lis-supplier taghha ghall-parts partikolari rimpjazzati meritu tal-kaz odjern. Inoltre rrizulta li dawn il-parts difettuzi kienu jifformaw parti minn apparat gdid li kien gie konsenjat lill-konvenut u li l-istess konvenut kien gia` hallas inizjalment ghal dawn l-istess parts. Inoltre ghandu jirrizulta wkoll minn Dok. AT5 u *ex admissis* mid-direttur tas-socjeta` attrici li dawn l-istess parts kellhom jigu rimpjazzati “*at no cost”*. Inoltre ma ngabet ebda prova soddisfacenti u konklussiva il-ghala dawn il-parts fallew meta l-apparat kien gie nstallat.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, t-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Alfred Tanti, kwindi jichad t-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------